**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 768/01JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Debattista Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 t' Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' tlett mija wiehed u tmenin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm381.25) kwantu ghal zewg licenzji indikati: licenzja numru 010572 (Dok.A,A1) ghall-ammont ta' bilanc dovut ta' sittax-il lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm16.52) royalty u zewg liri Maltin u tminja u erbghin**

**centezmu (Lm2.48) Taxxa fuq il-Valur Mizjud flimkien ma' Licenzja numru 011136 (Dok.B,B1) ghall-ammont ta' tlett mija w hmistax-il lira Maltija (Lm315.00) royalty u sebgha w erbghin lira Maltija w hamsa u ghoxrin centezmu (Lm47.25) Taxxa fuq il-Valur Mizjud, import tal-fattura datata 8 ta' Mejju, 2000, rilaxxata mis-socjeta` attrici a favur tas-socjeta` konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Il-Gallina Complex, ghall-perjodu mis-6 ta' Gunju, 2000 sal-5 ta' Gunju, 2001;**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Awissu, 2000, u dik ufficjali tad-29 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rappresentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija wiehed u tmenin lira Maltija hamsa u ghoxrin centezmu (Lm381.25) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Gunju, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Awissu, 2000, u dik ufficjali tad-29 ta' Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**